QALA

Ref Nru: 15

Il-minuti tal-hmistax -il laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tnejn 1 ta' Lulju 2013, fis-6:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Ghazla ta' l-offerti ghal gbir ta' l-iskart domestiku imhallat, servizz ta' *open skips* u tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix.

2.1 <u>Ghazla ta' l-offerta ghal gbir ta' l-iskart domestiku imhallat.</u>

2.2 Ghall-offerta ghal gbir ta' l-iskart domestiku imhallat li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi tlett offerti minghand Noel Sultana obo Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd, Sharlon Mercieca u Reggie Pace. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2013 f'nofs in-nhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, Coronato Pace ghall-offerent Reggie Pace, Laurie Zammit ghall-offerent Noel Sultana obo Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd. u l-offerent Sharlon Mercieca. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti. Wara dan il-Kunsill iddecida li ghandu jinhatar bord sabiex jiddiskuti dwar l-ahjar l-ghazla ta' din l-offerta.

2.3 <u>Ghazla ta' l-offerta ghal servizz ta' *open skips*.</u>

2.4 Ghall-offerta ghal servizz ta' *open skips* li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi erba` offerti minghand Joseph Mercieca, Noel Sultana obo Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd, Sharlon Mercieca u Victor Hili obo Road Construction Co. Ltd. Dawn l-

offerta nfethu fil-pubbliku nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2013 f'nofs in-nhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, Laurie Zammit ghall-offerent Noel Sultana obo Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd. u l-offerent Sharlon Mercieca. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti u wara l-Kunsill iddecida li ghandu jinhatar bord sabiex jiddiskuti dwar l-ahjar l-ghazla ta' din l-offerta.

2.5 <u>Ghazla ta' l-offerta ghat-tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix - zona A.</u>

2.6 Ghall-offerta ghat-tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix - zona A li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi erba` offerti minghand Joseph Hili, Saviour Cilia, Sharlon Mercieca u Reggie Pace. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2013 f'nofs in-nhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, l-offerent Joseph Hili, l-offerent Sharlon Mercieca u Dominic Cilia ghall-offerent Saviour Cilia. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti. Il-Kunsill qabel li ghandu jara wkoll l-offerta ghat-tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix – zona B qabel ma jiehu decizjoni.

2.7 <u>Ghazla ta' l-offerta ghat-tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix - zona B.</u>

2.8 Ghall-offerta ghat-tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix - zona B li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi zewg offerti minghand Joseph Hili u Reggie Pace. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2013 f'nofs in-nhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, l-offerent Joseph Hili u Coronato Pace ghall-offerent Reggie Pace. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti. Wara dan il-Kunsill unanimament iddecida li ghandhom jigu maghzula z-zewg offerti jigifieri zona A u zona B ta' Joseph Hili.

**3 Ghazla ta' skrivan/a (skala 15).**

3.1 Is-Sindku semma li kellhom jinbdew il-proceduri sabiex jigi/tigi mqabbad/ha skrivan/a iehor/ohra. Ghalhekk ntalbet lista tan-nies li qeghdin jirregistraw ghal dan ix-xoghol. Nhar il-21 ta' Gunju 2013 saru l-intervisti mill-bord li gie mahtur u li kien maghmul mis-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillieri Victor Grech u Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-ghazel ta' skrivan/a u ddecida li ghandha tigi maghzula Roseanne Azzopardi ta' 'Sagra Familja', Triq Federico Barocci, Qala. Is-Sindku ghalhekk semma li issa Brian Cutajar l-iskrivan prezenti gie *redundant*.

## 4 L-attivita *Hondoq by Night* it-tieni edizzjoni.

4.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni ta' l-attivita *Hondoq by Night* li ser isir dan ix-xahar. Huwa semma li d-dhul ser ikun b'xejn izda minn irid jista` jaghti donazzjoni. Giet moqrija kopja ta' l-istqarrija ghall-istampa li giet ppreparatha mill-Ghaqda Briju San Guzepp dwar din l-attivita sabiex tintbghat lill-*media* lokali. Il-Kunsill qabel ma din l-istqarrija.

## 5 Il-festa ta' San Guzepp 2013.

5.1 Is-Sindku semma li l-*mobile kiosks* li jarmaw fil-festa ta' San Guzepp ser jarmaw fl-istess post tas-sena l-ohra jigifieri fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Gie diskuss li jekk jista` jkun ma jigux armati *mobile kiosks* madwar ir-*roundabout* li tinsab f'din l-istess Pjazza. Il-Vici Sindku Paul Buttigieg issuggerixxa li fil-marc ta' filghodu l-latrini pubblici li hemm fi Triq il-Wardija ghandhom jew jinghalqu jew joqghod xi hadd maghhom peress li s-sena l-ohra kienet saret hafna hsara fihom.

## 6 Il-garr tan-nar pirotekniku mill-bajja ta' Hondoq ir-Rummien u li jghaddi mit-toroq tal-lokalita`.

6.1 Is-Sindku semma li n-nar pirotekniku li jingab minn Malta ghall-irhula Ghawdxin mhux ser jibqgha jinhatt mill-bajja ta' Hondoq ir-Rummien hlief dak li jkun ghall-lokalita` tal-Qala. Is-Sindku semma dan kollu sar bil-hidma ta' kulhadd, inkluz il-Kunsill precendenti u l-pressjoni tal-Vici Sindku Paul Buttigieg. Giet trattata kopja ta' l-istqarrija ghall-istampa dwar din il-materja li ntbghatet lill-*media* lokali. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li meta tkun ser tintbghat stqarrija ghall-istampa, l-membri kollha tal-Kunsill ghandhom jaraw *draft* ta' l-istqarrija qabel ma din tinbghat lill-*media*. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 7 Il-latrina pubblika l-gdida fi Triq it-28 t'April 1688.

7.1 Is-Sindku semma li ser isir it-trasferiment tal-latrina pubblika li hemm fi Triq il-Wardija ghal dik il-gdida li hemm fi Triq it-28 t'April 1688. Dan ser isir bejn id-Dipartiment ta' l-Artijiet u l-persuna li ghandha l-proprjeta` tal-latrina l-gdida. S-Sindku semma li kieku jkun sew li l-garaxx t'isfel tal-latrina l-gdida nuzawh bhala *store* ghall-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-bankina tal-latrina l-gdida li qedha ta' periklu ghal kull minn jghaddi minn hemm kif ukoll l-accessabilita` li wkoll qieghed ta' periklu. Il-Kunsill iddecida li qabel ma jaccetta li jsir dan it-trasferiment ghandhom jittrangaw dawn iz-zewg affarijiet kif ukoll il-Kunsill ghandu jara l-permess tal-MEPA qabel ma jsir dan.

QALA

## 8 Materji ohra.

8.1 Is-Sindku semma li ghada l-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar ser igib grupp ta' nies sabiex jisimghu quddiesa fil-lokalita` tal-Qala u wara jiedhu ftit kafe' offrut mill Kunsill Lokali Qala.

8.2 Is-Sindku semma li l-Kunsill issottometta applikazzjoni ghal fondi taht il-*European Agriculture Funds for Rural Development* mizura 125 ghal pavimentar ta' toroq li jintuzaw mill-bdiewa peress li l-Kunsill precedenti kien issottometta *expression of interest*. Huwa semma li ntbaghtet ittra ma din l-applikazzjoni li tghid li l-Kunsill jixtieq li Triq il-Barbagann tkun l-ewwel prijorita`, kif gie diskuss fl-ahhar laqgha tal-Kunsill.

8.3 Is-Sindku semma li huwa gie informat mill-GAG li l-applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill ghal fondi taht il-*European Agriculture Funds for Rural Development* mizura 410, 413.4 *Landscaping* ghal *embellishment* tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa kif ukoll l-applikazzjonijiet ta' zewg Kunsilli Lokali ohra, ghandhom id-dokumenti kollha mehtiega. Is-Sindku semma li l-Perit li ghamel il-pjanta ta' dan il-progett irid jithallas issa. Is-Sindku ssuggerixxa li jekk tigi accettata l-applikazzjoni dan ghandu jinghata 4% tal-progett u li ghalissa ghandu jinghata tal-pjanta u talli gab id-*Development Notification Order* ghal dan il-propett. Il-Kunsill qabel ma dan.

8.4 Is-Sindku semma li huwa kkuntatja lil tar-Regjun t'Ghawdex sabiex jibdew jintbghatu l-gwardjani lokali fit-toroq li huma *one way* ghat-trukkijiet peress li hemm xi sidien tat-trukkijiet li m'humiex jobdu dawn it-tabelli.

8.5 Is-Sindku semma li huwa gie kkuntatjat mill-organizzatur tal-programm 'Mad-daqqa t'Ghajn' li huwa programm dwar il-progetti li ghamel il-Kunsill minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea, sabiex huwa jiehu sehem f'dan il-programm.

8.6 Is-Sindku semma li l-progett tal-*heritage trail* taht il-mizura 313 - *European Agriculture Funds for Rural Development* mixjin u ta spejgazzjoni tax-xoghlijiet li qed isiru.

8.7 Is-Sindku semma li nizlu xi *caravans* f'Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u lill-MEPA sabiex jittiehdu l-passi mehtiega sabiex dawn jitnehhew.

8.8 Il-Kunsillier Jesmond Borg ressaq ilment dwar rampa tal-konkos li saret fi sqaq fi Triq il-Mithna ezatt quddiem il-Mithna ta' Randu, peress li din giet mahruga 'l barra fuq din l-istess triq. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lit-*Transport Malta*.

8.9 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-24 t' Mejju 2013 sal-1 ta' Lulju 2013 minn referenza numru 86/13 sa referenza numru 110/13 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 13/2013 sa referenza numru 25/2013 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

QALA

## 9 Korrispondenza.

9.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

9.2 Ittra mibghuta minn Dr Raymond Xerri Direttur *Maltese Living Abroad* dwar donazzjoni ta' kotba li huwa ta lil Kunsill ghal librerija pubblika tal-Qala.

9.3 Cirkulari AKL Cirk 39/2013 dwar thawwil ta' sigar.

9.4 Korrispondenza bejn il-Kunsill Lokali u t-Transport Malta datati 20, 21 u 24 ta' Gunju 2013, dwar it-trasferiment tal-*bus stop* fil-Pjazza San Guzepp. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ddecida li ghandha tigi kkuntatjatha Josette Xerri biex il-Kunsill jara issibx oggezzjoni li titwahhal *bus stop* quddiem ir-residenza taghha.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 8 ta' Awwissu 2013.

____________________
Clint Camilleri
Sindku

____________________
Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva